MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Awwissu, 2008

Numru 792/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Edel Mary Camilleri**
vs

**ANTON BUSUTTIL DOUGALL**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTON BUSUTTIL DOUGALL** ta' sitta w hamsin sena, bin il-mejjet George u Gulja nee Dougall, imwieled Cospicua nhar t-tmienja ta' Marzu 1952 u residenti "Lella", Triqa l-Ghadam, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita numru 233052M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli fis-sitta w ghoxrin t'Awwissu 2008, u fix-xhur ta' qabel gewwa 'Nero Café', f'Paceville, fi Triq Santu Wistin, San Giljan, u bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, impjega jew ta xoghol lil persuna li ma kienetx persuna

ezenti u li ma kellhiex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol;

2. Talli fl-istess cirkostanzi, bhala l-persuna responsabbli ta' xoghol li kien qed isir f'fond f'San Giljan, u nhawi ohra f'Malta, mpjiega persuna li ma kienetx cittadina ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu w ufficjali;

3. Talli fl-istess cirkostanzi, bhala principal jew il-persuna li timpjega persuni ohra *full time, part time* jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lil Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg, kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993 [3A sa 10].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-stqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar s-sitta w ghoxrin t'Awwissu 2008 bhala Dok. CSH, l-fedina penali tal-imputat bhala Dok. CSH 1, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat bhala Dok. CSH 2, l-kunsens tal-Avukat Generali bhala Dok. CSH 3, kif wkoll vera kopja tal-passaport ta' terza persuna bhala Dok. CSH 4.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali fis-seduta ta' llum u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, s-sebgha w ghoxrin t'Awwissu 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera maghha tul l-investigazzjoni ta' dan l-kaz u kien premezz tieghu li l-persuna ta' nazzjonalita barranija nstabet.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li hemm registrat fuqha numru zghir ta' kontravenzjonijiet u reat ta' portata zghira;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li l-persuna ta' nazzjonalita barranija nstabet bl-ghajnuna tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta ta' llum, s-sebgha w ghoxrin t'Awwissu 2008.

F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, wara li **l-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 32(1)(b) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali numru 110 tas-sena 1993 [3A sa 10] **tiddikjara li ssib lil imputat ANTON BUSUTTIL DOUGALL hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elf Euro.**

**Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed taghti l-fakulta lil imputata ihallas tali multa f'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn u hamsin [250] Euro bl-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard minn gimgha mill-lum u f'kaz li l-**

**imputat jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

Il-Qorti tordna, li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------